# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar il-15 ta' Frar 2023**

**Rikors Numru : 593/2022 JPG**

**Kawza Numru : 13**

**MC**

**Vs**

**CC**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' MC datat 11 ta' Novembru 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-paritjiet izzewwgu fis-sebgha (7) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u tmienja u tmenin (1988) gewwa Burmarrad u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat taz-zwieg taghhom bin-numru tar-registrazzjoni 596/1988 hawn anness u mmarkat bhala Dok. MA1;*

*Illi l-partijiet xoljew u illikwidaw il-kommunjoni tal-akkwisti bejniethom effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ippubblikat in atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono fl-erba' (4) ta' Marzu tas-sena elfejn u hamsa (2005) hawn anness u mmarkat bhala Dok. MA2;*

*Illi minn dan iz-zwieg taghhom il-paritjiet kellhom zewgt' itfal illi illum huma ilkoll*

*maggiorenni;*

*Illi l-partijiet ilhom separati de jure ghal aktar minn hmistax il-sena;*

*Illi r-rikorrenti jiddikjara li l-ebda manteniment m'hu dovut u allura ma hemm ebda pretensjoni reciproka dwar manteniment;*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi llum ghandhom hajja totalment separati minn xulxin;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti, umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja d-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimata datata 20 ta' Jannar 2023, a fol 11 li taqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu fis-sebgha (7) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u tmienja u tmenin (1988) u sseparaw legalment minn ma xulxin fl-4 ta' Marzu tas-sena elfejn u hamsa (2005) u dan skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Joseph Debono u ghalhekk ilhom isseparati minn xulxin ghal dawn l-ahhar hmistax-il sena.*

*Illi ulied il-partijiet illum huma maggoreni u ma ghadx fadal l-ebda pretenzjoni ta'*

*manteniment.*

*Illi m'hemm l-ebda prospett illi l-partijiet jirrikonciljaw u di fatti kull parti kompliet bil-hajja taghha indipendentement mill-parti l-ohra.*

*Illi l-esponenti taqbel illi z-zwieg tal-partijiet ghandu jigi ddikjarat mahlul.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota tal-intimata datata 20 ta' Jannar 2023 li permezz taghha l-intimata uriet ix-xewqa li tirriverti ghal- kunjom xbubitha u cioe 'G'. Di piu iddikjarat illi ma kelliex provi ulterjuri x'tipproduci u stiednet lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza (vide fol 14);

Rat in-nota tal-attur datata 25 ta' Jannar 2023 li permezz taghha iddikjara illi ma kellux provi ulterjuri x'jipproduci u stieden lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza (vide fol 15);

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-intimata xehdet** (vide affidavit fol 12) illi l-kontendenti zzewgu nhar is-7 ta' Mejju 1988, u li minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, illum maggiorenni. Iddikjarat illi filfatt dan iz-zwieg ma rnexxiex u l-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali datat nhar l-4 ta' Marzu 2005 fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Debono izda iddikjarat illi z-zwieg kienu sejjer lura mis-sena 1997. Xehdet illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni stante li t-tnejn li huma jghixu hajja totalment separata minn xulxin u li la jiltaqghu u lanqas jitkellmu. Di piu' kkonfermat illi ma hemm ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet.

**L-attur xehed** (vide xhieda fol 16) u kkonferma u kkorrobora dak li xehdet l-attrici.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-7 ta' Mejju 1988, liema zwieg jgib certifikat numru 596/1988 (Vide fol 3 certifikat taz-zwieg). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, ilkoll maggiorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Debono nhar l-4 ta' Marzu 2005 (vide Dok MA2, fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Inoltre, rat ix-xewqa tal-intimata illi tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe 'G'.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 596/1988 u tordna lir-Registratur**

**tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Di piu', tawtorizza lill-intimata sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe 'G' u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**